# Joseph N. Farrugia



## *Our Lady of Consolation Band Club*

# Il-Banda fl-Imgħoddi

Fil-kitba tiegħi "IL-BANDA FL-IMGĦODDI", tajt ħarsa lejn l-ewwel Bandisti li ffurmaw il-Banda, u wara, it-tlitt Surmastrijiet li kellha l-Banda. Il-lum se nikteb dwar it-tħejjija tal-mużika għall-Inawgurazzjoni tal-Banda.

Wara li ħafna mill-Bandisti kienu ilhom xi żmien jistudjaw bl-istrument, kien wasal iż-żmien li flok kulħadd jistudja għalih, l-istudju jibda jsir ukoll flimkien, permezz tal-Kunċerti, u fl-1 ta' Jannar 1944, il-Bandisti taw Strina lill-Kumitat u lill-Membri tal-Għaqda, bħala apprezzament tal-għajnuna, speċjalment finanzjarja, li kienu qed jagħmlu lill-Banda. Quddiem sala mballata bil-membri u partitarji, il-Banda bdiet l-ewwel Kunċert tagħha fl-10.00 a.m. billi daqqet l-AVE MARIJA (ż-żgħira) bħala ringrazzjament lill-Madonna li tagħha tant aħna devoti. Aktar ma bdiet tindaqq, aktar il-mużika bidet tiftiehem, u malli s-Surmast Ant. Micallef dehrlu li kien sar progress ġmielu, qassam il-Marcia Sinfonica 'I DIAVOLI BIACHI', biex din ukoll tibda tiġi kkunċertata mill-Bandisti tal-post. IL-kunċert dan sa 11.30a.m.

Il-lezzjonijiet kienu jsiru 4 darbiet fil-ġimgħa, u l-bandisti kienu jattendu għal dawn il-lezzjonijiet daqqa ndividwali u oħra f'sezzjoni, filwaqt li l-kunċ erti kienu jsiru 2 jew 3 fil-ġimgħa. Aktar tard, il-bandisti tal-post bdew jikkunċertaw ukoll il-Marcia Sinfonica 'Festa a Roma', is-'Serenata' ta' Schubert, l-'Ave Maria' ta' Bach-Gounod, kif ukoll xi marċ milli konna se ndoqqu fil-Festa. Meta wasal Mejju, kien isir kunċert ukoll nhar ta' Ħadd filgħodu u kienu jiġu xi bandisti minn Ħaż-Żabbar biex jgħinu lill-bandisti tal-post. Bħala tħejjija ġenerali, il-bandisti tal-post marru Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 1944 biex jgħinu lill-Banda San Mikiel fil-marċ li kien sar matul Triq is-Santwarju fl-okkażjoni tal-Griżma tal-Isqof, meta l-Isqof ġie mwassal sal-

Knisja bil-Banda. Wara sar Programm f'Misraħ Prince of Wales u daqqejna l-mużika li konna se ndoqqu fil-Festa. Din l-attivita', li marret tajjeb ħafna, mlietna bil-kuraġġ u kellna sebgħa mitt sena li jasal il-jum biex inferrħu lill-poplu fil-Gudja, iżda t-taqtiegħ il-qalb baqa' magħna sa l-aħħar. U kif jista' ma jkunx hemm taqtiegħ il-qalb, meta fl-aqwa t'Awwissu tagħmillek ix-xita? Kien il-Ġimgħa 11.8.44, l-aħħar Kunċert Ġenerali, fil-bitħa, mimlija nies ferħana, iżda lanqas ilħaqna kkunċertajna l-ewwel biċċa li ma bdietx tqattar ix-xita. Il-bandisti qabdlu l-leġiju, ssiġġijiet u mużika biex stajna nkomplu l-kunċert fis-sala tal-Każin. Is-Sibt 12.8.44 sebaħ bix-xita għadha nieżla, u li baqgħet nieżla sal-Ħadd filgħodu, iżda għal xi t-8.30a.m. ix-xita waqfet, u sal-11.00a.m. l-ajru ċċara biex filgħaxija, f'temp mill-isbaħ aħna stajn nagħmlu l-Inawgurazzjoni tal-Banda, li ġiet imbierka minn Mons. Emm. Galea, Isqof ta' Tralles, u npaxxu lin-numru kbir ta' Mistednin, Membri u partitarji bil-Programm li għamilna, u fost ferħ kbir, sar marċ mat-toroq tal-Gudja, biex temmejna din l-okkażjoni hekk sabiħa.

F'din l-okkażjoni, f'ħinijiet miftiehma, ħadet sehem ukoll il-Banda 'La Stella', il-Banda l-oħra tal-Gudja.


# Bosta nies għamlu użu mis-

# **SALA TAL-KAŻIN**

# għall-

# **PARTIES**

# tagħhom u ħarġu sodisfatti.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF U BOOKINGS:

ĊEMPLU: 696092

**PREZZ Lm15**